MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 227/2005

**Avviz numru 227/05DM**

**Peter u Frieda konjugi Zarb**

**Vs**

**Raymond u Jessie konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, tmien mija u sbatax-il lira Maltin (Lm2,817), rapprezentanti bilanc minn somma akbar illi l-atturi kienu silfu brevi manu f’diversi okkazzjonijiet lill-konvenuti, kif indikat f’skrittura ffirmata bejniethom datata 24 ta’ Lulju, 1998.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur Peter Zarb bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata u konsegwenetement qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, tmien mija u sbatax-il lira Maltin (Lm2,817) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-21 ta' April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------